# GĦAQDA ĦBIEB KAPPELLI MALTIN

Ħbieb il-Kappelli Maltin

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Mejju 2020

Ħarġa Nru 4

## Kumitat 2020

President

Adrian Schinas

Viċi-President

Valent Xuereb

Segretarju

Nardu Agius

Asst. Segretarju u PRO

Norbert Gingell

**Teżorier**

Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**

Angele Xuereb

Attivitajiet li l-Kumitat **qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** (*jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi*:)

Mejju

- Kappelli f'Għawdex_ POSPOSTA

Ġunju

- Kappelli fil-lokalita' tan-Naxxar_ POSPOSTA

## *Il-Kappella iddedikata lil San Karlu Borromeo, Isqof ta' Milan, fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil Girgenti, limiti tas-Siġġiewi*

Dan il-Palazz inbena fl-1625 bħala r-residenza tas-sajf għall-Inkwiżitur Onorato Visconti, fuq biċċa art li kienet ikkonfiskata mingħand Matteo Falson, jew Falzon, jew kif kien aktar magħruf bħala Matti Falzun. Dan Matti kien ikkundannat bħala eretiku flimkien mal-Kjeriku Wenzu Falzon li kien akkużat għal maġija s-sewda. Wenzu eżilja ruħu fi Franza fejn għadda ħajtu jeħodha kontra t-tagħlim tal-Knisja waqt li Matti mar fi Sqallija fejn għex fil-moħbi. It-tnejn ġew issentenzjati *in absentia* mill-Inkwiżizzjoni. Billi Wenzu ma kellu xejn ta' xi valur fil-pussess tiegħu, ma' ittieħdet l-ebda propjetà minn għandu. Matti baqa' magħruf mall-Maltin bħala s-Saħħar Falzun.

Il-Palazz, bħala binja, hu mibni b'mod sempliċi, bil-faċċata pjuttost sempliċi, bi ftit elementi dekorattivi.

Il-Kappella iddedikata li San Karlu Borromeo kienet inbniet maġemb il-palazz fl-1763 mill-Inkwiżitur Angelo



San Karlu Borromeo

Maria Durini. San Karlu Barromeo għex bejn it-2 t'Ottubru 1538 u t-3 ta' Novembru 1584. Kien l-Arċisqof ta' Milan mill-1564 sal-1584 u wara sar Kardinal. San Borromeo kien wieħed mill-figuri ewlenin fil-ġlieda tal-Kontra-Riforma tal-Knisja kontra ir-Riforma Protestanta flimkien ma' San Injazju ta' Loyola u San Filippu



Neri. Kien responsabbli minn diversi riformi sinifikanti fil-Knisja Kattolika, l-akbar waħda billi beda s-seminarji għall-edukazzjoni tal-qassisin.

Il-ġurnata dedikata lil dan il-qaddis hija l-4 ta' Novembru.

Il-palazz baqa' ir-residenza tas-sajf tal-Inkwiżituri sal-1798 meta l-Inkwiżizzjoni ġiet abolita fi żmien l-okkupazzjoni Franċiża f'Malta. Fi żmien l-Ingliżi dan il-palazz serva wkoll bħala ir-residenza tas-sajf tal-Gvernaturi Logutenenti. Fi żmien it-Tieni Gwerra Mondjali parti mill-kollezzjoni tal-Armerija fil-Palazz il-Belt ġew trasferiti hemmhekk għal aktar sigurta.

Il-palazz safa fi stat ta' abbandun matul iż-żmien imma bejn l-1988 u l-1990 ġie restawrat u konvertit bħala is-residenza tas-sajf għall-Prim Ministru ta' Malta.

Il-Kappella għandha zuntier żgħir quddiema li titla' għalih b'4 tarġiet. Il-bieb huwa rettangulari b' '*coat of arms*' fuqu. Aktar 'l fuq mill-bieb hemm tieqa fil-forma *quadrofoil* elliptika. Hemm ukoll żewġ kampnari, wieħed fuq kull naħa tal-faċċata, filwaqt li fin-nofs hemm salib fuq pedestal, dekorat bi skrolli forma ta' S.

Kultant kemm il-palazz kif ukoll il-ġonna jkunu miftuħa għall-pubbliku.

*Ħajr: Kappelli Maltin*

## KAPPELLA SAN ĠWANN IL- BATTISTA U SAN ANTON ABBATI, PALAZZ VERDALA, BUSKETT RABAT

Il-perit malti Ġlormu Cassar kien imqabbad mill-Gran Mastru de Verdalle fis-sena 1586 biex jibnilu palazz fl-inħawi tal-Buskett. Ried ukoll jinkorpora kappella żgħira quddiem il-palazz u damet tintuża għal madwar tmenin sena. Meta laħaq Gran



Il-kappella oriġinali



Il-Kappella oriġinali minn ġewwa

Mastru Fra Rafel Cotoner ried li tibena kappella akbar biswit il-palazz. Ħuħ, il-Gran Mastru Fra Nikol Cotoner kompliha.

Din il-kappella ġdida għandha fil-faċċata żewġ pilastri Doriċi twal fil-kantunieri bl'entablatura li ddur mal-binja kollha. Il-pediment jew frontispizju triangolari, f'nofsu jinsab salib bi tmien ponot tal-Ordni, tipikament kif kienu jibnu dejjem f'kull knisja jew kappella l-Kavallieri. Fil-kantunieri mbagħad hemm speċi ta' piramidi bi sfera fuqhom. Il-ħitan ta' din il-faċċata għandhom il-panewwijiet.

Il-bieb huwa stil rinaxximentali u għandu żewġ pilastri Doriċi fil-ġnub u li fuqhom hemm pediment segmentali maqsum li f'nofsu nerġgħu nsibu l-arma tal-Cotoner, b'tieqa rettangolari 'l fuq. Hemm kampnar b'qanpiena waħda fuq wara.



Il-Kappella l-ġdida

Il-perit tal-Ordni Francesco Buonamici hu attribwit li ddisisnja din il-kappella bħalma għamel knejjes oħra f'Malta. Bdiet tinbena fis-sena 1663 u tlestiet madwar sena wara. Hija għandha għamla rettangolari u msaqqfa b'saqaf troll għoli li jistrieħ fuq ħames arkati li jitilgħu minn fuq gwarniċa għolja li ddur mal-ħitan kollha tal-kappella. Fil-għoli tal-ħitan tal-ġnub tal-kappella hemm żewġ twieqi li jdawlu l-kappella. L-altar għandu perspettiva sabiħa magħmula minn żewġ kolonni skolpiti fin-naħa t'isfel bix-xitla tal-qoton (mill-arma tal-aħwa Cotoner) u b'kapitell ta' stil Kompost. Dawn isostnu entablatura skolpita wkoll bi gwarniċun sabiħ, li fuqu hemm żewġ nofsijiet ta' pediment segmentali maqsum, u li fuqhom għandhom żewġ anġli bil-qegħda. F'nofshom, miżmuma minn żewġ anġli oħra, hemm l-arma ta' Cotoner b'kuruna miftuħa fuqha. L-altar għandu tabernaklu tal-ġebel. Żewġ bibien ma' ġenb l-altar jagħtu għas-sagristija li hemm fuq wara, u fuq il-bibien hemm żewġ gwarniċi skolpiti fil-ġebel li fihom żewġ kwadri tal-pittura.

Bħalma għamlu f'Sarria fil-Floriana u f'tal-Mirakli f'Ħal Lija , l-aħwa Gran Mastri Cotoner, il-kwadri li jinsabu f'din il-kappellai ħarġu mill-pinzell ta' Mattia Preti jew mill-bottega tiegħu. It-titular hu wieħed mill-isbah li pitter Preti f'Malta, esegwit b'kuluri delikati u kważi trasprenti, naraw lill-Madonna li f'ħoġorha żżomm lil Binha. Quddiemha San Ġwann il-Battista, b'wiċċ ta' żagħżugħ mill-isbaħ, qieghed juri l-ħaruf lill-Bambin u ħdejh bil-qegħda jidher Sant' Anton Abbati flimkien mal-ħanżira. Warajhom jidher anġlu jżomm l-istandard tal-Ordni li fih tidher ukoll il-xitla tal-qoton. Sabiħ ukoll l-anġlu li jiġbed il-velu abjad tal-Madonna.

Fil-ġnub tal-perspettiva tal-altar hemm żewġ kwadri oħra tal-Preti, wieħed tal-Arkanġlu Rafel u l-ieħor ta' San Nikola ta' Bari, il-qaddisin protetturi tal-aħwa Gran Mastri Cotoner. Insibu wkoll żewġ kwadri oħra li ħarġu mill-bottega tal-Preti li juru lil Kristu jidher lil San Tumas u l-ieħor il-Martirju ta' San Ġwann il-Battista.

Fil-kappella nsibu niċċa bl-istatwa ta' Santa Rita ta' Cascia, xogħol l-istatwarju



It-titular

Għawdxi Wistin Camilleri. Fin-naħa t'isfel tal-kappella, mal-ħajt hemm basso-riljev skolpit fil-ġebla Maltija li fl-1887 nġieb mill-kappella mwaqqgħa li kienet tinsab ħdejn il-palazz ta' Verdala u magħrufa bħala Santa Marija ta' Xewxa. Din kienet inbniet mill-familja Calava' qrib is-sena 1550. Dan il-basso-riljev huwa biċċa xogħol sabiħa tal-iskultura ta' stil Barokk u għalkemm ma nafux min għamlu jidher li ġej minn idejn tajba ħafna. Huwa juri lill-Familja Mqaddsa u taħtu hemm irħama li turi l-istorja tiegħu.

Il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna u mgħammra b'dak kollu li hu meħtieġ għall-kult divin u fiha ssir quddiesa kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar.

*Ħajr: Kappelli Maltin*



San Nikola ta' Bari



L-Arkanġlu Rafel



San Tumas

# IL-KAPPELLA TA' SARRIA, FURJANA



*Knisja tonda, xogħol kollu ta' Mattia Preti, kemm il-pjanta kif ukoll il-pitturi kollha li jinsabu fiha*






*Perspettiva tal-artal maġġur mill-gallarija*

Kien il-Kavallier Martin de Sarria Navarro li fl-1585 bena knisja fejn illum hemm dik magħrufa bħala 'Ta' Sarria'. Fis-sagristija tal-knisja li hemm illum hemm pittura ta' dan de Sarria.

Fl-1675 Malta ntlaqtet qalil mill-marda tal-pesta. Dan wassal sabiex il-Gran Mastru Nikol Cottoner jagħmel wegħda li jekk dik il-marda ma ddumx biex tgħaddi, jibni knisja b'radd il-ħajr u jiddedikaha lill-Immakulata Kunċizzjoni.

Hekk kif il-marda spiċċat minn Malta, il-Gran Mastru żamm kelmtu u fl-1677 ta bidu għall-bini tal-knisja li naraw illum. L-għamla tagħha hi tonda u saret fuq pjanta ppreparata minn Mattia Preti filwaqt li x-xogħol tal-bini sar taħt il-ħarsien ta' Lorenzo Gafà.

Il-Gran Mastru tant kien grat għall-grazzja li Malta kienet qalgħet li kien ried li fit-8 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Ordni tibqa' tfakkar dan l-avveniment billi f'jum il-festa tal-Kunċizzjoni tiġi ċċelebrata bil-kbir. Kellha tiġi ċċelebrata quddiesa pontifikali fil-knisja ta' Santa Katarina, li għaliha kien jattendi l-Gran Mastru u l-Kavallieri, u wara kienet issir purċissjoni bix-xbiha tal-Madonna ta' Caraffa għall-knisja konventwali. Wara, biex titkompla l-wegħda, kienet issir purċissjoni għall-knisja ta' Sarria, fejn kien jitkanta t-*Te Deum*.

Il-knisja fiha artal wieħed u koppla li kienet tagħlaq b'lanterna imma maż-żmien din tneħħiet u minflokha tqiegħed salib bi tmien ponot. Fis-sagristija insibu pittura tal-Gran Mastru Nikol Cotoner u il-kwadru l-antik li juri l-Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġwann l-Għammiedi u San Luqa, xogħol tal-pittur Taljan Antonio Ricci.

It-titular il-ġdid hu xogħol mill-isbaħ ta' Mattia Preti, li minbarra dan il-kwadru nsibu xogħlijiet oħra tal-istess pittur fosthom il-kwadri ta' San Nikola ta' Bari, San Sebastjan, Santu Rokku u Santa Rosalia protetturi mill-mard tal-pesta.

Fis-sena 2005 sarilha restawrar strutturali mit-Taqsima tar-Restawr fi ħdan id-Diviżjoni tax-Xogħolijiet taħt is-superviżjoni tal-Perit Herman Bonnici, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Istudju Barokki fl-Universita ta' Malta u dik ta' Bologna, filwaqt li fl-2013, l-għaqda mhux governattiva Din l-Art Ħelwa bdiet is-restawr tal-pitturi kollha, liema restawr sar mid-ditta Giuseppe Mantelli Restauro.

*Ħajr:*
*Kappelli Maltin*

*Ritratti : N Gingell*















# KNISJA jew KAPPELLA ? — it-tieni parti

*Kitba ta' Fr Reno Muscat*

Kappella

Il-kelma kappella li wkoll tintuża għal xi bini li fih issir il-liturġija ġejja mill-Franċiż *chapele* li fl-aħħar mill-aħħar ġejja mil-Latin *cappella* li tfisser kappa żgħira. Kappa żgħira jew *chapele* kien il-mantell ta' San Martin ta' Tours li qasam mal-fqajjar inċerċer li kien ra fit-triq. Hawn mhux sejrin noqgħodu nidħlu fl-istorja ta' San Martin u x'rabta kellu mat-twelid tal-kelma *chapele*. Kappella oriġinarjament kienet tirreferi għal post fi knisja li fih kienu jinżammu r-relikwi tal-qaddisin. Illum għadna nsibu kappelli laterali fil-knejjes tagħna kif ukoll il-kappella tas-sagrament.

Kappella aktarx tkun tagħmel parti minn xi bini ieħor. Għalhekk insejħulhom hekk il-kappella tal-isptar, il-kappella taċ-ċimiterju, il-kappella tal-ħabs, il-kappella tal-ajruport eċċetra, huma knejjes li nsibuhom f'bini akbar. Kappella wkoll tissejjaħ dik li fiha jsiru l-konklavi biex jintgħażel papa ġdid. Il-kappella Sistina fil-palazzi tal-Vatikan tagħmel parti minn bini akbar. Imma mhux l-istess meta niġu biex nirreferu għall-knejjes konventwali jew li jkunu parti minn xi kunvent tal-patrijiet. Dawn ma nsejħulhomx kappella imma knisja bħal pereżempju l-knisja ta' San Mark ir-Rabat, il-knisja tal-Kapuċċini l-Furjana jew il-knisja ta' San Franġisk ta' Putrijal. Dawn huma knejjes li jagħmlu parti minn binja akbar.

La qed insemmu l-kunveneti tajjeb nagħmlu d-distinzjoni bejn kunvent u monasteru. Sa żmien San Franġisk u San Duminku, (seklu XIII) kienu jeżistu biss monasteri. Monasteru huwa l-post għall-irħieb, dawk li jgħixu ħajja axxetika u spiss f'iżolament. Monasteru ġejja minn *Mono stare,* toqgħod waħdek. Fil-monasteri l-irħieb kien ikollhom speċi ta' appartament kull wieħed, b'biċċa art biex jaħdmuha u jgħixu għal rashom minkejja li jkunu f'binja waħda bħal ma kienu u għadhom xi wħud mill-Benedittini. Monasteru jissejjaħ ukoll il-post fejn joqgħodu s-sorijiet tal-klawsura. Kunventi bdejna nsibuhom mat-twaqqif tal-Franġiskani u d-Dumnikani, issa nbdiet forma ġdida ta' ħajja flimkien, *con vivere,* tgħix flimkien, kliem li minnu ħarġet il-kelma '**kunvent'**. Mela l-patri joqgħod fil-kunvent, ir-raħeb joqgħod fil-monasteru imma billi hawn Malta ma għandniex irħieb lanqas għandna monasteri maskili iżda għandna monasteri ta' sorijiet tal-klawsura bħal pereżempju ta' Sant' Ursula l-Belt jew ta' Santa Skolastika fil-Birgu.

**Knejjes żgħar**

F'pajjiżna hawn numru kbir ta' kappelli fil-kampanja. Minkejja li dawn ma jagħmlux parti minn xi binja akbar xorta waħda ma nsejħulhomx knisja. F'dan il-każ għandna t-tendenza li nsejħulhom kappelli minħabba d-daqs tagħhom. Ġeneralment il-kappelli fil-kampanja tagħna huma ċkejknin u kienu jservu biss biex lill-bdiewa u lir-raħħala li kienu jgħixu bogħod mill-parroċċa sabiex dawn kienu jkunu jistgħu jsibu fejn jaqdu l-ħtiġijiet spirtwali tagħhom. Illum xi wħud minn dawn il-kappelli ma għadhomx fl-imwarrab u sabu ruħhom fil-qalba tal-belt jew raħal li sekli ilu kien jidher imbiegħed.

Iżda kappelli żgħar ma jinstabux biss fil-kampanja. F'bosta rħula qodma Maltin insibu għadd ta' knejjes żgħar fil-qalba. Araw ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi jew iż-Żejtun. Kemm kappelli hemm fil-qalba ta' dawn l-irħula antiki? Bosta minnhom inbnew bħala wegħda minn xi familja nobli.

Xi kappelli ngħidu li huma **ġuspatronat**. Dan iffisser li dak il-bini jkun inbena minn xi ħadd u ħallieh lill-familja tiegħu biex tieħu ħsieb hi u għalhekk il-binja ma tkunx parti mill-parroċċa. Eżempju ta' dan insibu l-kappella tad-Duluri f' Ħaż-Żebbug u dik ta' San Franġisk ta' Pawla f' Ħal Qormi. Bħal dawn insibu bosta oħrajn.

Aktar kappelli

Jissejħu kappelli wkoll dawk il-knejjes żgħar li fihom issir adorazzjoni matul il-ġurnata kollha. Dawn jistgħu jkunu jew xi kappella antika li lum qed isservi għal dan il-għan bħal dik ta' Sant' Antnin u Santa Katarina f'Birkirkara u ħafna oħrajn jew binja ġdida li nbniet għal dan il-għan jew infetħet għal dan il-għan bla ma qatt kienet kappella, bħalma nsibu Tal-Pietà ħdejn il-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima jew Ħaż-Żebbuġ dak li huwa magħruf bħala ċ-Ċenaklu. Dawn ukoll jissejħu kappelli, kappelli tas-sagrament. Kappelli jissejħu wkoll dak il-postijiet ġodda li qegħdin iservu lill-poplu li jgħix qribhom. Bħala eżempju nistgħu nsemmu dik ta' Mlit fil-Mosta jew tas-Sagra Familja f'Ħal Qormi.

Mhux faċli tgħid eżatt id-differenza bejn kappella u knisja għax it-tnejn iservu għall-istess għan imma kif rajna hemm anke rwoli differenti.



*Kappella San Pawl, Ħ'Attard*